**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 20 ta’ Novembru 2018**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Maurice Curmi)**

**Vs**

**ALFRED XERRI**

Kump Nru 1343/2012

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Alfred Xerri detentur tal-karta tal-identita numru 76682(M)**, gie akkuzat talli:

1. F’ottubru 2012 u fix-xhur u s-snin ta’ qabel b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamilt uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdejt b’qerq iehor, ingann jew billi urejt haga b’ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar grajja kimerika, ghamilt qligh ta’ aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu ta’ Kenneth Martin Nolan, detentur tal-karta tal-identita numru

22521(A) u martu Teresa Josephine Nolan detentrici tal-karta tal-identita numru 22522(A), ai termini tal-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, JKap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanza ghamilt falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummerjcjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi hloqt pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, ai terminu tal-Artikolu 183 tal-Kodici Kriminali tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi xjentement ghamilt uzu minn dokument falz, ai termini tal-Artikilu 184 tal-Kodici Kriminali tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai terminin tal-Artikolu 532a, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali tal-Kap,9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat ir-*rinvio a giudizio* tal-Avukat Generali tas-16 ta' Lulju 2014 (ara *folio* 71) u l-kunsens tal-imputat sabiex din il-kawza tigi deciza bil-procedura sommarja (ara folio 102).

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda kollha mressqa f'dawn il-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet finali;

**Ikkunsidrat;**

Illi rrizulta a sodisfazzjon tal-Ligi illi l-konjugi Kenneth u Theresa Nolan kienu xtraw propjeta, precizament "appartament" gewwa n-Naxxar minghand l-imputat permezz ta' att pubbliku fl-atti tan-nutar Dr. Annalisa Caruana fit-18 ta' Mejju 2007. L-intiza cara bejn il-partijiet kienet li l-imputat qed ibiegh appartament residenzjali u li x-xerrejja kienu qed jixtru propjeta bhala residenza jew intiza li tkun residenzjali.

Irrizulta pero mill-atti illi l-imputat, fin-negozjar u fl-att finali, kien qed juri haga b'ohra, b'liema komportament huwa nganna lill-konjugi Nolan. Dan ghaliex filwaqt li l-konjugi Nolan emmnu genwinament illi l-propjeta li kienu qed jixtru minghand l-imputat setghet u kienet intiza sabiex tigi uzata bhala abitazzjoni, in effetti l-imputat kien qed ibieghilhom propjeta li setghet tintuza biss bhala *stores*. Din is-sitwazzjoni nholqot ukoll billi b'xi mod id-dokumenti ufficjali riferibbilment ghall-pjanti u permessi relattivi kienu qed juru li l-propjeta in vendita kienet residenza filwaqt li fil-verita dawn id-dokumenti ma setghu qatt juru li din il-propjeta setghet kienet ghajr *domestic stores*.

Dan ix-xenarju ta' fatti, rizultanti mill-evidenza prodotta, gab lill-imputat passabbli ghar-reati addebitati lilu.

**Ikkunsidrat;**

Illi in tema ta' piena jew sanzjoni din il-Qorti qed tqis il-fattur ta' tbatija li jghaddi minnha persuna li tigi ngannata u ssofri xi forma ta' telf patrimonjali, kif gara lill-konjugi Nolan f'dan il-kaz meta huma ikkonkludew l-att pubbliku li bih xtraw propjeta u hargu l-flus ghalhekk. Minn naha l-ohra din il-Qorti, f'dan il-kaz partikolari, ghandha il-konfort tar-rizoluzzjoni tal-pendenza bejn il-partijiet qabel din il-kawza waslet ghas-sentenza. Fi kliem iehor, l-imputat ma baqax passiv izda ghamel hiltu u ra kif regggha kollox lura u assigura li l-konjugi Nolan jiehdu dak li haqqhom u hallashom sa l'anqas centezmu u b'hekk jigi li huma almenu llum mhu qed isofru ebda telf patrimonjali.

Dawn il-fatturi ser jigu riflessi fis-sanzjoni li din il-Qorti jidhrilha li timmerita li tigi applikata fil-konfront tal-imputat.

**KONKLUZJONI;**

**GHALL-DAWN IL-MOTTIVI, L-QORTI**, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 308, 309, 310(1)(a), 183 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat **Alfred Xerri** hati tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u peress li jissussistu l-elementi idoneji, qeghda tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmel ebda reat matul il-perjodu ta` sentejn mill-llum, u dana kollu bis-sahha ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti fissret lill-hati fi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk hu jaghmel xi reat iehor matul il-perjodu msemmi.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur